MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1203/2005

**Middlesea Insurance plc**

**Vs**

**Alfred Bianchi**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u disgha u sittin lira Maltin u sitt centezmi (Lm369.06c) rapprezentanti somma dovuta lilha, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha John A Gauci liema danni gew inkorsi mill-imsemmi assigurat wara li sehh l-incident awtomobilistiku fit-13 ta' Novembru, 2003 bejn il-karozza ta' l-assigurat (Honda Civic Numru ta' Registrazzjoni LCB 896) u l-vettura misjuqa mill-konvenut (Fiat Punto JAV 284).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u disgha u sittin lira Maltin u sitt centezmi (Lm369.06c) bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------